MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2004

Numru 53/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Cassar)**

**vs**

**SPIRIDIONE SCICLUNA**

**Illum 17 ta' Frar, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Spiridione Scicluna ta' 58 sena, iben John u Maria nee` Grech, imwieled Haz-Zabbar fit-28 ta' Jannar, 1946 u joqghod fl-indirizz 'Schelderix', nru. 83, Triq Alessio Erardi, Haz-Zabbar, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 125346 M, gie akkuzat:

Talli fi Triq il-Knisja, ix-Xghajra, limiti ta’ Haz-Zabbar, nhar il-Hadd 13 t’April, 2003, ghall-habta ta’ xi s-sitta w nofs ta’ fil-ghaxija:

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe` li jaghmel ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Anthony Randich minn Haz-Zabbar, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, meta saq il-vettura tieghu tal-ghamla Mini Austin ta’ lewn ahdar, bin-numru tar-registrazzjoni KAN-349, bi speed eccessiv fid-direzzjoni tieghu, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu;

2. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ l-imsemmi Anthony Randich minn Haz-Zabbar f’periklu car, ikkagunalu hsara fil-gisem jew fis-sahha tieghu, skond ma ccertifikaw Dr. M. Abela MD., tal-Paola Health Centre u Dr. C. Cordina MD., tad-Dipartiment ta’ l-Emergenza ta’ l-Isptar San Luqa;

3. saq l-imsemmija vettura KAN-349 b’nuqqas ta’ kont, bi traskuragni u wkoll b’manjiera perikoluza;

4. saq l-imsemmija vettura KAN-349 minghajr ma kienet licenzjata ghat-triq kif ukoll minghajr polza ta’ assigurazzjoni;

5. ma ghamilx it-transfer tal-vettura KAN-349 fi zmien sebat’ijiem.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, tiskwalifikah mill-licenzji tas-sewqan kollha tieghu, jew milli jottjeni licenzi tas-sewqan ghal zmien ta’ mhux anqas minn tnax il-xahar, minn mindu hekk jinstab hati.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex jekk jidhrilha li huwa xieraq, tipprovdi ghas-sigurta` ta’ l-istess Anthony Randich minn Haz-Zabbar u/jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena, jew minflok il-piena applikabbli tar-reat, torbot lil hati b’obbligazzjoni tieghu

inniffsu, taht penali ta’ somma ta’ flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. AC3 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li rega' gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 214, 215, 216, 41(1)(a) u 221 tal-Kap. 9, l-art. 15(1)(a) u 15(2) tal-Kap. 65, ir-Reg. 26(1) tal-A.L. 128 ta’ l-1994 u l-art. 3(1) u 3(2) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Spiridione Scicluna, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Spiridione Scicluna ghall-piena komplessiva ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija u Lm100 multa u tordna li din is-sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ tliet (3) snin millum l-imputat Spiridione Scicluna jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiskwalifika lill-imputat Spiridione Scicluna milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien sena millum.

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-artikoli 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Spiridione Scicluna b’obbligazzjoni personali ta’ mitt Lira Maltin (Lm100) li bl-ebda mod ma jimmolesta lil Anthony Randich ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Spiridione Scicluna l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikoli 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------